KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI

MAZÁK

ippreżentati fit-30 ta' April 2009 [1]

I — Introduzzjoni

1. Permezz ta' digriet tad-29 ta' Frar 2008, li wasal fil-Qorti tal-Ġustizzja nhar is-6 ta' Marzu 2008, l-Unabhängiger Verwaltungssenat des Landes Vorarlberg (it-Tribunal Amministrattiv Indipendenti tal-Provinċja ta' Vorarlberg) [2] (l-Awstrija) għamel lill-Qorti tal-Ġustizzja domanda għal deċiżjoni preliminari taħt l-Artikolu 234 KE dwar l-interpretazzjoni li għandha tingħata lill-Artikolu 12 KE.

2. Il-qorti tar-rinviju xtaqet essenzjalment tkun taf jekk il-projbizzjoni ta' diskriminazzjoni abbażi ta' nazzjonalità taħt dik id-dispożizzjoni tipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprovdi għall-għoti mingħajr ħlas, kull sena, ta' liċenzja tal-karozza sabiex tintuża fit-toroq nazzjonali b'pedaġġ limitatament għall-persuni li jbatu minn diżabbiltà li huma residenti jew ordinarjament residenti fit-territorju nazzjonali.

3. Din il-kwistjoni tqajmet fil-kuntest ta' kawża mressqa minn A. Gottwald, ċittadin Ġermaniż li jbati minn diżabbiltà severa, dwar multa li ġie mġiegħel iħallas talli saq vettura fuq triq Awstrijaka b'pedaġġ mingħajr ma ħallas il-pedaġġ dovut.

II — Il-kuntest legali

4. Skont l-Artikolu 10(1) tal-Bundesstraßen-Mautgesetz 2002 (Liġi dwar il-Pedaġġ fuq Toroq Federali) (iktar 'il quddiem, il-"Bundesstraßen-Mautgesetz"), hekk kif kienet fis-seħħ fiż-żmien rilevanti, vetturi b'ass wieħed (jiġifieri muturi u vetturi simili) u vetturi b'iktar minn ass wieħed li l-piż massimu tagħhom ma jaqbiżx it-3.5 tunnellati jistgħu biss jinsaqu fuq toroq b'pedaġġ jekk jitħallas pedaġġ għall-ħin li jdumu fuq tali toroq.

5. Taħt l-Artikolu 11(1) tal-Bundesstraßen-Mautgesetz, il-pedaġġ għall-ħin li vettura ddum fuq tali toroq irid jitħallas qabel ma jsir użu mit-triq b'pedaġġ billi titwaħħal liċenzja tal-karozza mal-vettura.

1 — Lingwa oriġinali: l-Ingliż.

2 — 'Unabhängiger Verwaltungssenat'.

6. Taħt l-Artikolu 13(2) tal-Bundesstraßen-Mautgesetz, l-Uffiċċju Federali għall-Affarijiet Soċjali u l-Persuni b'Diżabbiltà għandu, ladarba jirċievi applikazzjoni għal dan il-għan, joħroġ lil persuni b'diżabbiltà residenti jew ordinarjament residenti fit-territorju nazzjonali u li jkollhom reġistrata f'isimhom għall-inqas vettura waħda b'iktar minn ass wieħed li l-piż massimu tagħha ma jaqbiżx it-3.5 tunnellati, liċenzja tal-karozza annwali mingħajr ħlas skont il-kategorija ta' dik il-vettura u dejjem sakemm il-persuni jkun inħarġilhom ċertifikat għal persuni b'diżabbiltà skont l-Artikolu 40 tal-Bundesbehindertengesetz (Liġi Federali dwar Persuni b'Diżabbiltà) li fuqu jkun hemm indikat jew li l-persuni jbatu minn diżabbiltà permanenti u serja li żżommhom milli jimxu, jew li ma jistax ikun mistenni li tali persuni jużaw mezzi ta' trasport pubbliku minħabba ħsara permanenti lil saħħithom jew li l-persuni huma għomja.

7. Mis-sottomissjonijiet tal-Gvern Awstrijak jidher li l-fatt jekk persuna jkollhiex 'residenza ordinarja' jew le fl-Istat għandu jiġi ddeterminat skont l-Artikolu 66(2) tal-Jurisdiktionsnorm (Liġi tal-1 ta' Awwissu 1895 dwar l-allokazzjoni tal-ġurisdizzjoni u tal-ġurisdizzjoni territorjali bejn il-qrati ordinarji f'materji ċivili, RGBl. 111).

8. Skont l-Artikolu 20(1) tal-Bundesstraßen-Mautgesetz, dawk is-sewwieqa li jsuqu vetturi fuq toroq b'pedaġġ mingħajr ma jkunu ħallsu l-pedaġġ għall-ħin hekk kif dovut taħt l-Artikolu 10 jwettqu reat amministrattiv punibbli b'multa ta' mhux inqas minn EUR 300 u mhux iktar minn EUR 3 000 (fiż-żmien rilevanti, din kienet mhux inqas minn EUR 400 u mhux iktar minn EUR 4 000).

III — Il-fatti, il-proċedura u d-domandi magħmula

9. A. Gottwald huwa ċittadin Ġermaniż residenti l-Ġermanja li jbati minn parapleġija totali li tellfitlu l-funzjonalità kollha mir-raba' vertebra 'l isfel u jinsab f'siġġu bir-roti. Huwa għandu karta tal-identità għal persuni b'diżabbiltà severa maħruġa mill-Ġermanja.

10. Nhar is-26 ta' Awwissu 2006, A. Gottwald kien fi triqtu mill-Ġermanja għall-Awstrija, fejn kien bi ħsiebu jqatta' btala twila. Waqt li kien qiegħed isuq il-vettura tiegħu fuq l-awtostrada Rheintal A 14, triq b'pedaġġ, fid-direzzjoni tat-Tirol, saritlu spezzjoni skont il-Bundesstraßen-Mautgesetz ħdejn il-ħruġ għal Wolfurt/Lauterach, u nstab li ma kien hemm ebda liċenzja tal-karozza valida mwaħħla mal-vettura tiegħu.

11. B'konsegwenza ta' dan, wara deċiżjoni mogħtija nhar l-4 ta' Diċembru 2006 mill-Bezirkshauptmannschaft Bregenz (Awtorità Amministrattiva Distrettwali, Bregenz), A. Gottwald, wara li ngħata tnaqqis eċċezzjonali fil-piena skont l-Artikolu 20 tal-Verwaltungsstrafgesetz (Liġi dwar Penalitajiet Amministrattivi), ġie mmultat EUR 200 talli saq vettura fuq in-netwerk ta' toroq b'pedaġġ mingħajr ma qabel waħħal mal-vettura tiegħu l-liċenzja tal-karozza bħala turija li kien ħallas

il-pedaġġ. Fid-deċiżjoni ġie ddikjarat li b'ħekk huwa kien mar kontra l-Artikolu 20(1), kif ukoll l-Artikoli 10(1) u 11(1) tal-Bundesstraßen-Mautgesetz.

12. Fil-kawża prinċipali l-Unabhängiger Verwaltungssenat għandha taqta' l-appell ippreżentat minn A. Gottwald kontra dik is-sentenza.

13. Mid-digriet tar-rinviju jidher li l-qorti tar-rinviju għandha dubji dwar jekk l-Artikolu 13 (2) tal-Bundesstraßen-Mautgesetz, li jipprovdi għal miżura li tgħin lil persuni b'diżabbiltà residenti fl-Awstrija, huwiex kompatibbli mal-projbizzjoni ta' diskriminazzjoni abbażi ta' nazzjonalità sanċita fl-Artikolu 12 KE.

14. F'dak ir-rigward, il-qorti tar-rinviju tinnota li jekk eżenzjoni minn liċenzja tal-karozza, li s-soltu trid tinkiseb bi ħlas, tiġi limitata biss għal persuni b'diżabbiltà li huma residenti jew ordinarjament residenti fit-territorju nazzjonali, dan bħala regola jikkostitwixxi diskriminazzjoni indiretta abbażi ta' nazzjonalità fis-sens ta' dik id-dispożizzjoni, fejn tali trattament inugwali jista' jkun ġustifikat biss jekk ikun ibbażat fuq kunsiderazzjonijiet oġġettivi li huma indipendenti minnazzjonalità tal-persuni inkwistjoni u jekk dan it-trattament inugwali jkun proporzjonali għall-għan leġittimu li jkun irid jintlaħaq.

15. Skont il-qorti tar-rinviju, l-Artikolu 12 KE huwa applikabbli jew minħabba li A. Gottwald xtaq iqatta' btala fl-Awstrija u għalhekk qasam fi Stat Membru ieħor biex jirċievi servizz [3], jew, fi kwalunkwe każ, minħabba li l-każ jaqa' taħt id-dispożizzjonijiet dwar il-politika komuni tat-trasport li jinsabu fit-Titolu V tat-Trattat KE.

16. F'dan il-kuntest, l-Unabhängiger Verwaltungssenat iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u li tagħmel is-segwenti domanda għal deċiżjoni preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja:

"L-Artikolu 12 KE għandu jiġi interpretat fissens li jipprekludi l-applikazzjoni ta' dispożizzjoni nazzjonali li tipprovdi għall-għoti mingħajr ħlas, kull sena, ta' liċenzja tal-karozza għal vettura sabiex tintuża fit-toroq nazzjonali li biex tgħaddi fuqhom hemm l-obbligu ta' ħlas ta' taxxa (pedaġġ) limitatament għall-persuni li jbatu minn diżabbiltà speċifika u li huma domiċiljati jew li għandhom ir-residenza ordinarja tagħhom fl-Istat inkwistjoni?"

3 — F'dan ir-rigward saret referenza għall-Kawża 186/87, Cowan (Ġabra 1989, p. 195).

IV — Analiżi Legali

A — *Ammissibbiltà*

1. Is-Sottomissjonijiet prinċipali tal-partijiet

17. F'din il-kawża tressqu sottomissjonijiet minn A. Gottwald, mill-Gvern Awstrijak u mill-Kummissjoni. Il-partijiet kollha kienu wkoll irrappreżentati fis-seduta tat-12 ta' Marzu 2007.

18. Skont il-Gvern Awstrijak, l-ammissibbiltà ta' din it-talba għal deċiżjoni preliminari hija tal-inqas dubjuża.

19. F'dan il-kuntest ġie essenzjalment sottomess li, irrispettivament mill-kwistjoni dwar jekk ir-rekwiżit ta' residenza sabiex tingħata liċenzja tal-karozza mingħajr ħlas huwiex konformi mad-dritt Komunitarju, A. Gottwald xorta kien ħaqqu jiġi mmultat għax kiser l-obbligu naxxenti mill-Artikolu 11(1) tal-Bundesstraßen-Mautgesetz li jwaħħal liċenzja tal-karozza mal-vettura qabel ma jsuqha fuq triq b'pedaġġ.

20. Għalhekk, fil-kawża prinċipali ma hemm ebda kwistjoni dwar il-proċedura eċċezzjonali rregolata mill-Artikolu 13(2) tal-Bundesstraßen-Mautgesetz, li dwarha tressqet id-domanda preliminari u li tipprovdi li, jekk issir applikazzjoni u jekk ċerti rekwiżiti jiġu sodisfatti, tinħareġ liċenzja tal-karozza annwali mingħajr ħlas lil persuni b'diżabbiltà.

2. Ir-rilevanza għall-kawża prinċipali

21. F'dan il-kuntest, il-qorti tar-rinviju tinnota li A. Gottwald qatt ma applika sabiex tinħariġlu tali liċenzja tal-karozza.

22. Hija għalhekk il-fehma tal-Gvern Awstrijak li d-domanda magħmula ma għandha ebda rabta mal-fatti attwali tal-kawża u li r-risposta tal-Qorti tista' tkun waħda purament ipotetika, u b'hekk għandha titqies inammissibbli skont il-ġurisprudenza tal-istess Qorti.

23. Għall-kuntrarju, il-Kummissjoni tqis li t-talba hija ammissibbli. Hija tenfasizza l-fatt li bħala prinċipju huwa f'idejn il-qorti nazzjonali li tiddetermina jekk domanda dwar id-dritt Komunitarju hijiex rilevanti għall-kawża prinċipali li tkun qiegħda tisma'. Fid-digriet tar-rinviju, il-qorti tar-rinviju qalet espressament li dan huwa l-każ. Barra minn hekk, ma jistax jiġi eskluż li t-tweġiba tal-Qorti tal-Ġustizzja tista' twassal għal tnaqqis ulterjuri tal-multa fil-kawża prinċipali, u din

hi ħaġa li, fid-dawl tal-ġurisprudenza pjuttost ġeneruża dwar l-ammissibbiltà tat-talbiet, hija biżżejjed sabiex id-domanda inkwistjoni ma titqiesx biss bħala waħda purament ipotetika.

24. A. Gottwald jinnota li, għalkemm formalment huwa seta' japplika għall-ħruġ ta' liċenzja tal-karozza mingħajr ħlas, l-applikazzjoni ma kinitx tintlaqa'.

2. Kunsiderazzjonijiet

25. L-ewwel nett, għandu jiġi mfakkar li skont ġurisprudenza stabbilita, hija biss il-qorti nazzjonali li quddiemha tressqet il-kawża u li għandha tassumi r-responsabbiltà tal-eventwali deċiżjoni ġudizzjarja, li għandha tevalwa, fid-dawl taċ-ċirkustanzi partikolari tal-każ, kemm il-ħtieġa ta' deċiżjoni preliminari sabiex tkun f'pożizzjoni li tagħti s-sentenza tagħha, kif ukoll ir-rilevanza tad-domandi li hija tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja [4].

26. Għaldaqstant, safejn id-domandi magħmula jirrigwardaw l-interpretazzjoni tad-dritt Komunitarju, il-Qorti tal-Ġustizzja hija, bħala prinċipju, marbuta tagħti deċiżjoni fuqhom [5].

27. Ir-rifjut li tingħata deċiżjoni dwar domanda preliminari magħmula minn qorti nazzjonali huwa possibbli biss meta jidher b'mod manifest li l-interpretazzjoni tad-dritt Komunitarju mitluba ma jkollha ebda rabta mar-realtà jew mas-suġġett tal-kontroversja fil-kawża prinċipali, meta l-problema tkun ta' natura ipotetika jew inkella meta l-Qorti tal-Ġustizzja ma jkollhiex l-elementi ta' fatt jew ta' dritt meħtieġa sabiex tagħti risposti utli għad-domandi li jkunu sarulha [6].

28. Iżda hija l-fehma tiegħi li dan mhuwiex il-każ hawnhekk.

29. Għalkemm huwa minnu li A. Gottwald ma applikax għal liċenzja tal-karozza mingħajr ħlas u jekk jiġi preżunt, hekk kif sottomess mill-Gvern Awstrijak, li persuna b'diżabbiltà setgħet tiġi mmultata għas-sempliċi raġuni li saqet vettura fuq triq b'pedaġġ mingħajr ma waħħlet liċenzja tal-karozza

4 — Ara b'mod partikolari s-sentenzi tal-11 ta' Settembru 2008, Eckelkamp *et* (C-11/07, Ġabra p. I-4285, punt 27); tas-16 ta' Diċembru 2008, Michaniki (C-213/07, Ġabra p. I-9999, punt 32); u tal-5 ta' Marzu 2009, Apis-Hristovich (C-545/07, Ġabra p. I-1627, punt 28).

5 — Ara b'mod partikolari s-sentenzi Eckelkamp *et*, iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 4, punt 27; Michaniki, iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 4, punt 33; u Apis-Hristovich, iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 4, punt 29.

6 — Ara b'mod partikolari s-sentenzi Eckelkamp *et*, iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 4, punt 28; Michaniki, iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 4, punt 34; u Apis-Hristovich, iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 4, punt 30.

mal-vettura minkejja li hi intitolata għal liċenzja tal-karozza mingħajr ħlas, jibqa' l-fatt li mhuwiex ċar jekk il-qorti tar-rinviju tkunx tista' tasal għal xi konklużjonijiet mir-risposti tal-Qorti tal-Ġustizzja għad-domanda magħmula.

30. B'mod partikolari ma jistax jiġi eskluż li deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja li tgħid li regola nazzjonali bħal dik inkwistjoni, li ma tippermettix il-ħruġ ta' liċenzja tal-karozza mingħajr ħlas lil persuni fl-istess ċirkustanzi bħal dawk ta' A. Gottwald, tmur kontra l-Artikolu 12 KE, tista' tittieħed inkunsiderazzjoni mill-qorti tar-rinviju bħala fattur li jista' jnaqqas il-piena meta din taqta' l-appell ippreżentat minn A. Gottwald, possibbiltà li lanqas il-Gvern Awstrijak ma kkontesta.

31. Fil-fehma tiegħi, fid-dawl tal-ġurisprudenza hawn fuq imsemmija, id-domanda għal deċiżjoni preliminari magħmula hija għalhekk ammissibbli.

B — *Fuq il-mertu*

1. Is-sottomissjonijiet prinċipali tal-partijiet

32. Skont A. Gottwald, l-Artikolu 12 KE għandu jkun interpretat bħala li jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

33. B'mod partikolari huwa jsostni li dak l-Artikolu għandu jiġi applikat minħabba li, bħala turist, huwa rċieva servizz fil-qasam tat-trasport. Regola bħal dik inkwistjoni twassal ukoll għal restrizzjoni tad-dritt li wieħed jiċċaqlaq minn Stat Membru għal ieħor u li jirrisjedi liberament fi Stat Membru ieħor hekk kif stipulat fl-Artikolu 18 KE.

34. Fil-fehma ta' A. Gottwald, sa fejn l-eżenzjoni inkwistjoni mill-ħlas tal-pedaġġ għall-użu tal-awtostrada hija limitata għal persuni b'diżabbiltà residenti jew ordinarjament residenti l-Awstrija, dik il-miżura tikkostitwixxi diskriminazzjoni indiretta abbażi ta' nazzjonalità bi ksur tal-Artikolu 12 KE. Tali miżura la hija meħtieġa u lanqas proporzjonali. F'dan ir-rigward għandu jingħad li tali trattament inugwali huwa wkoll sproporzjonat meta wieħed iqis li perċentwali għolja ta' persuni mhux residenti l-Awstrija jużaw it-toroq b'pedaġġ Awstrijaċi b'mod regolari, u proporzjon minnhom jaf ikunu persuni b'diżabbiltà.

35. Barra minn hekk, A. Gottwald jinnota li l-liċenzja tal-karozza annwali tinħareġ mingħajr ma jiġi mistħarreġ jekk il-liċenzja tal-karozza tkunx tassew intużat mill-persuna b'diżabbiltà li lilha tkun ingħatat. Ma jistax mela jingħad li l-aspetti soċjali ta' din il-miżura huma l-għan prinċipali tagħha. Lanqas jista' jingħad li jekk il-persuni b'diżabbiltà jitħallew jużaw it-toroq b'pedaġġ b'xejn, indipendentement mir-residenza tagħhom, l-awtoritajiet Awstrijaċi jitgħabbew b'xi piż amministrattiv partikolari għax diġà jeżisti permess Ewropew għall-parkeġġ għal persuni b'diżabbiltà.

36. A. Gottwald iżid jgħid li miżura li tipprovdi għall-ħruġ ta' liċenzja tal-karozza annwali mingħajr ħlas lil persuni b'diżabbiltà ma għandhiex titqies bħala benefiċċju soċjali ta' natura nonkontributorja, li l-għoti tiegħu jkun jista' jiġi suġġettat għall-kundizzjoni li wieħed juri grad suffiċjenti ta' integrazzjoni fis-soċjetà tal-Istat Membru. Fl-aħħar nett jinnota wkoll li, sfortunatament, fil-Komunità għad ma hemmx klassifikazzjoni komuni tal-gradi differenti ta' diżabbiltà.

37. Għall-kuntrarju ta' dan, għalkemm il-Gvern Awstrijak jaqbel li f'dan il-każ huwa applikabbli l-Artikolu 12 KE, l-istess Gvern huwa tal-fehma li dan l-Artikolu ma jipprekludix regola nazzjonali bħal dik inkwistjoni.

38. Il-Gvern Awstrijak jisħaq li l-għoti mingħajr ħlas ta' liċenzja tal-karozza annwali lil peruni b'diżabbiltà jikkostitwixxi benefiċċju soċjali ta' natura nonkontributorja. Bħalma jista' jiġi dedott minn sentenzi bħal *Grzelczyk* [7], l-aċċess għal tali benefiċċji ma jistax jiġi suġġettat għal kundizzjonijiet differenti minn dawk applikabbli għaċ-ċittadini tal-Istat Membru kkonċernat, iżda dan mhuwiex il-każ hawnhekk.

7 — Sentenza tal-20 ta' Settembru 2001 (C-184/99, Ġabra p. I-6193).

39. Barra minn dan, hekk kif saħaq il-Gvern Awstrijak tul is-seduta, il-benefiċċju inkwistjoni mhuwiex marbut mar-rekwiżit klassiku ta' residenza, iżda huwa wkoll disponibbli għal persuni b'diżabbiltà li jikkwalifikaw biss għal "residenza ordinarja" kif imfissra fl-Artikolu 66(2) tal-Jurisdiktionsnorm. Biex wieħed iqis jekk persuna hijiex ordinarjament residenti kif imfisser fl-Artikolu 66(2) tal-Jurisdiktionsnorm, jistgħu jitqiesu ċirkustanzi ta' natura personali u/jew oħrajn relatati max-xogħol, biex pereżempju, persuna b'diżabbiltà li għandha biss xogħol fiss fl-Awstrija wkoll tista' tinħarġilha liċenzja tal-karozza mingħajr ħlas.

40. Iżda, jekk il-qorti tar-rinviju titlaq mis-suppożizzjoni li tali regola tammonta għal diskriminazzjoni indiretta, tali trattament differenti abbażi ta' residenza jista' jiġi ġġustifikat minn għan leġittimu bħalma huwa dak li l-applikant għall-għajnuna juri ċertu grad ta' integrazzjoni fis-soċjetà ta' dak l-Istat [8]. Irrekwiżit ta' residenza jew residenza ordinarja jwieġeb għall-ħtieġa li jiġi żgurat li dik il-kundizzjoni tiġi sodisfatta kif ukoll li l-ispiża ta' dik il-miżura tiġi kkontrollata [9].

8 — Qiegħda ssir referenza għas-sentenza tal-14 ta' Marzu 2005, Bidar (C-209/03, Ġabra p. I-2119, punt 61).

9 — Fis-seduta, il-Gvern Awstrijak speċifika li l-ispiża tkun ħames darbiet akbar minn dik preżenti (approssimattivament EUR 3 miljuni fl-2008) jekk il-liċenzja tal-karozza mingħajr ħlas kellu jingħata indipendentement mir-residenza (ordinarja) kif ukoll lill-persuni b'diżabbiltà li jużaw it-toroq b'pedaġġ waqt li jkunu l-Awstrija għal żmien qasir, bħal f'dan il-każ.

41. Il-Gvern Awstrijak jinnota wkoll illi l-ħruġ ta' liċenzja tal-karozza annwali mingħajr ħlas lil persuni b'diżabbiltà għandu l-għan li jiffaċilita l-mobbiltà ta' dawk il-persuni b'diżabbiltà li, minħabba d-diżabbiltà tagħhom, ma jistgħux jagħmlu użu minn mezzi ta' trasport pubbliku. Barra minn hekk huwa ċar mill-fatt li l-liċenzja tal-karozza tinħareġ biss fuq bażi annwali li l-benefiċċju inkwistjoni huwa intiż biex jaġevola lil dawk il-persuni li jagħmlu użu regolari u fit-tul mit-toroq b'pedaġġ u mhux lil dawk li jużaw it-toroq Awstrijaċi għal żmien qasir biss. F'dan ir-rigward, persuna b'diżabbiltà li tirrisjedi l-Awstrija li tuża triq b'pedaġġ darba kultant jew għal żmien qasir biss xorta jkollha tixtri liċenzja tal-karozza.

42. Il-Kummissjoni tisħaq li din il-kawża għandha titqies fid-dawl tal-Artikolu 12 KE li huwa applikabbli kemm għax A. Gottwald eżerċita d-dritt tiegħu li jiċċaqlaq u jirrisjedi liberament fi Stat Membru ieħor skont l-Artikolu 18 KE kif ukoll għax, bħala turist, eżerċita l-libertà li jirċievi servizzi taħt l-Artikolu 49 KE. Hija tissottometti li l-fatt li tintalab rata ta' ħlas tal-pedaġġ differenti skont ir-residenza tal-persuna b'diżabbiltà meta ma jkun hemm ebda differenza oħra jikkostitwixxi diskriminazzjoni indiretta abbażi ta' nazzjonalità.

43. Iżda, waqt li fis-sottomissjonijiet bil-miktub tagħha l-Kummissjoni wriet il-fehma li l-miżura nazzjonali inkwistjoni tikkostitwixxi diskriminazzjoni bla ebda raġuni pprojbita mill-Artikolu 12 KE, fis-seduta hija kkonkludiet, abbażi tal-kjarifiki magħmula mill-Gvern Awstrijak, li meta wieħed iqis l-għan li jrid jintlaħaq meta tingħata liċenzja tal-karozza mingħajr ħlas, il-kunċett ta' residenza ordinarja, kif ukoll il-fatt li persuna b'diżabbiltà residenti l-Awstrija wkoll ikollha tħallas il-pedaġġ jekk issib ruħha fl-istess pożizzjoni ta' A. Gottwald, il-leġiżlazzjoni Awstrijaka inkwistjoni tissodisfa dan l-Artikolu.

2. Kunsiderazzjonijiet

44. L-ewwel nett għandu jiġi nnutat illi benefiċċju soċjali bħal dak inkwistjoni jaqa' kjarament fil-kompetenza tal-Istati Membri. Għalhekk, safejn għandu x'jaqsam id-dritt Komunitarju — u għalkemm wieħed jista' jixtieq mod ieħor — huwa bħala regola f'idejn kull Stat Membru li jiddeċiedi jekk jadottax jew le miżura soċjali bħal dik inkwistjoni li tipprovdi għall-ħruġ, taħt ċerti kundizzjonijiet, ta' liċenzja tal-karozza annwali mingħajr ħlas lil persuni b'diżabbiltà jew xi miżura oħra simili, bħal pereżempju, il-ħruġ mingħajr ħlas lil persuni b'diżabbiltà ta' liċenzja tal-karozza valida għal għaxart ijiem. L-Istati Membri għandhom diskrezzjoni wiesgħa fl-eżerċizzju tal-poteri tagħhom f'dak li għandu x'jaqsam mal-politika soċjali [10].

10 — Ara, f'dan il-kuntest, is-sentenzi tas-26 ta' Ottubru 2006, Tas-Hagen u Tas (C-192/05, Ġabra p. I-10451, punt 21); tat-18 ta' Lulju 2007, Geven (C-213/05, Ġabra p. I-6347, punt 27); u tat-22 ta' Mejju 2008, Halina Nerkowska (C-499/06, Ġabra p. I-3993, punt 23).

45. Madankollu, meta Stat Membru jeżerċita tali kompetenza, jidher ċar mill-ġurisprudenza tal-Qorti li l-Istat Membru għandu jirrispetta d-dritt Komunitarju, b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet tat-Trattat dwar il-libertà mogħtija lil kull ċittadin tal-Unjoni li jmur minn Stat Membru għal ieħor u li joqgħod liberament fit-territorju tal-Istati Membri kif ukoll dwar il-projbizzjoni fundamentali kontra d-diskriminazzjoni abbażi ta' nazzjonalità [11].

46. Fiċ-ċirkustanzi tal-każ preżenti, joħroġ ċar illi l-vjaġġ ta' A. Gottwald lejn l-Awstrija ma sarx bl-intenzjoni li jeżerċita d-drittijiet tiegħu fil-kuntest tal-libertà tal-moviment talħaddiema, u għalhekk ma jkunx possibbli li tingħata l-liċenzja tal-karozza annwali mingħajr ħlas, bħala "vantaġġ soċjali", abbażi tarrekwiżit ta' trattament ugwali stipulat fl-Artikolu 7(2) tar-Regolament (KEE) Nru 1612/68 [12], u dak il-beneficċju lanqas ma jista' jiġi eżaminat taħt ir-Regolament (KEE) Nru 1408/71 [13].

47. Iżda bħala ċittadin tal-Unjoni, A. Gottwald għandu bħala prinċipju, fil-kuntest tat-Trattat KE, id-dritt li, dak il-punt apparti, sa fejn isib ruħu f'sitwazzjoni ugwali, jingħata l-istess trattament indipendentement minnazzjonalità tiegħu [14].

48. Għalhekk, sa fejn huwa jista' jeżerċita dak id-dritt fiċ-ċirkustanzi preżenti, il-kwistjoni li trid tiġi ddeterminata f'dan il-każ hija, essenzjalment, jekk il-limitazzjoni tal-għoti ta' liċenzja tal-karozza annwali mingħajr ħlas lil dawk il-persuni b'diżabbiltà li jkollhom talinqas ir-residenza ordinarja tagħhom fl-Istat Membru kkonċernat tammontax għal diskriminazzjoni pprojbita abbażi ta' nazzjonalità jew, fi kliem ieħor, jekk meta wieħed iqis iċ-ċirkustanzi tal-każ, ir-raġuni għalfejn persuna fis-sitwazzjoni ta' A. Gottwald ma tingħatax il-liċenzja tal-karozza hijiex in-nazzjonalità jew inkella xi fattur ieħor indipendenti minnazzjonalità [15].

49. Għalhekk, sejjer issa ngħaddi sabiex neżamina iktar mill-qrib, l-ewwel nett, jekk is-sitwazzjoni tal-kawża prinċipali għandhiex tiġi eżaminata, hekk kif il-qorti tar-rinviju ssuġġeriet, b'referenza għall-projbizzjoni ta' diskriminazzjoni abbażi ta' ċittadinanza skont l-Artikolu 12 KE, u t-tieni nett — u jekk dak ikun il-każ —, jekk il-leġiżlazzjoni inkwistjoni tistax bħala prinċipju tikkostitwixxi diskriminazzjoni taħt dak l-artikolu u, finalment, jekk

11 — F'dan is-sens ara, pereżempju, is-sentenzi tad-29 ta'April 2004, Pusa (C-224/02, Ġabra p. I-5763, punt 22); Tas-Hagen u Tas, iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 10, punt 22; u Halina Nerkowska, iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 10, punt 24.

12 — Regolament tal-Kunsill (KEE) tal-15 ta' Ottubru 1968 dwar il-libertà tal-moviment għall-ħaddiema fi ħdan il-Komunità (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti Kapitolu 5, Vol. 1, p. 15, tad-19 ta' Ottubru 1968, p.2).

13 — Regolament tal-Kunsill (KEE) tal-14 ta' Ġunju 1971 dwar l-applikazzjoni tal-iskemi tas-sigurtà soċjali għall-persuni impjegati u l-familja tagħhom li jiċċaqilqu ġewwa l-Komunità, kif emendat u aġġornat (ĠU 1Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 1 p. 35, tal-5 ta' Lulju 1971, p.2).

14 — Ara b'mod partikolari s-sentenzi Grzelczyk, iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 7, punt 31, u tat-2 ta' Ottubru 2003, Garcia Avello (C-148/02, Ġabra p. I-11613, punt 23).

15 — Huwa għalhekk ċar li dan mhuwiex każ ta' diskriminazzjoni minħabba diżabbiltà iżda, possibbilment, wieħed dwar diskriminazzjoni (indiretta) possibbli minħabba ċittadinanza.

dik id-distinzjoni li tista' tikkostitwixxi diskriminazzjoni hijiex, madankollu, ibbażata fuq kunsiderazzjonijiet oġġettivi indipendenti min-nazzjonalità.

50. Dwar, fl-ewwel lok, l-applikabbiltà tal-Artikolu 12 KE għall-każ preżenti għandu jingħad illi joħroġ ċar minn ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja illi, bħala prinċipju, kull ċittadin tal-Unjoni għandu dritt għall-istess trattament indipendentement min-nazzjonalità tiegħu, hekk kif dan id-dritt huwa sanċit f'dik id-dispożizzjoni, f'dawk is-sitwazzjonijiet kollha illi, *ratione materiae,* jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt Komunitarju [16].

51. Mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja joħroġ ċar ukoll illi dawn is-sitwazzjonijiet jinkludu, b'mod partikolari, dawk li jinvolvu l-eżerċizzju tal-libertajiet fundamentali ggarantiti mit-Trattat u dawk li jinvolvu l-eżerċizzju tal-libertà ta' moviment u ta' residenza fit-territorju tal-Istati Membri kif mogħtija mill-Artikolu 18 KE [17].

52. Hija l-fehma tiegħi illi, fir-rigward ta' dan il-każ, huwa biżżejjed li wieħed jinnota illi meta A. Gottwald ivvjaġġa lejn Stat Membru ieħor għal btala, huwa kien qiegħed kjarament jeżerċita d-dritt tiegħu bħala ċittadin tal-Unjoni li jiċċaqlaq minn pajjiż għal ieħor u li jirrisjedi liberament fl-Istati Membri hekk kif mogħti lilu mill-Artikolu 18 KE. Din hija raġuni biżżejjed sabiex is-sitwazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma tibqax waħda purament interna iżda taqa' *ratione materiae* fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt Komunitarju fejn huwa applikabbli l-Artikolu 12 KE.

53. Iżda nabqel mal-Kummissjoni illi s-sitwazzjoni inkwistjoni hija rregolata wkoll mid-dritt Komunitarju għaliex, ladarba A. Gottwald ivvjaġġa lejn l-Awstrija sabiex iqatta' btala hemm, huwa għandu jitqies bħala li rċieva servizz, u għalhekk jista' jinvoka l-Artikolu 12 KE flimkien mal-Artikolu 49 KE dwar il-moviment liberu ta' servizzi [18].

54. Għalhekk huwa meħtieġ li jiġi eżaminat il-fatt jekk miżura soċjali bħal dik inkwistjoni tissodisfax ir-rekwiżiti tal-Artikolu 12 KE meta l-benefiċċju ta' dik il-miżura jingħata

16 — Ara f'dan is-sens, pereżempju, is-sentenzi tal-24 ta' Novembru 1998, Bickel u Franz (C-274/96 Ġabra p. I-7637); Garcia Avello, iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 14, punt 23; u Bidar, iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 8, punt 36.

17 — Ara, pereżempju, is-sentenzi Garcia Avello, iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 14, punt 24; Bidar, iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 8, punt 33; tat-12 ta' Lulju 2005, Schempp (C-403/03, Ġabra p. I-6421, punt 18); u tal-4 ta' Diċembru 2008, Krystyna Zablocka-Weyhermüller (C-221/07, Ġabra p. I-9029, punt 29).

18 — F'dan is-sens ara s-sentenza Cowan, iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 3, punt 15; Bickel u Franz, iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 16, punt 15; u tas-16 ta' Jannar 2003, Il-Kummissjoni vs L-Italja (C-388/01, Ġabra p. I-721, punt 12). Hija l-fehma tiegħi iżda, li t-tweġiba għad-domanda magħmula għandha tkun artikolata fuq il-projbizzjoni ġenerika ta' diskriminazzjoni hekk kif maħsuba fl-Artikolu 12 KE iktar milli kif din hija applikata b'mod speċifiku fl-Artikolu 49 KE, f'dak li għandu x'jaqsam mal-moviment liberu tas-servizzi, ġaladarba l-użu ta' toroq b'pedaġġ jikkostitwixxi mezz sabiex jingħata s-servizz aħħari iktar milli servizz fih innifsu. Fi kliem ieħor, id-diskriminazzjoni oġġett tal-każ hija kemxejn inċidentali għas-servizz. Fi kwalunkwe każ, iżda, l-analiżi li se ssir tal-miżura inkwistjoni tapplika wkoll, *mutatis mutandis*, għall-projbizzjoni ta' diskriminazzjoni iktar speċifika skont l-Artikolu 49 KE.

biss lil dawk il-persuni b'diżabbiltà li għandhom ir-residenza jew ir-residenza ordinarja tagħhom fl-Istat Membru kkonċernat u għalhekk mhuwiex disponibbli għal persuni li jsibu rwieħhom fl-istess sitwazzjoni ta' A. Gottwald.

55. Skont ġurisprudenza stabbilita, ir-regola tat-trattament ugwali stabbilita fl-Artikolu 12 KE tipprojbixxi mhux biss id-diskriminazzjoni ċara bbażata fuq in-nazzjonalità, iżda wkoll kull forma moħbija ta' diskriminazzjoni li, bl-applikazzjoni ta' kriterji oħra ta' distinzjoni, twassal għall-istess riżultat [19].

56. Dan jista' jingħad kemm għall-kundizzjoni ta' residenza kif ukoll għal dik ta' residenza ordinarja, hekk kif ipprovdut fl-Artikolu 13(2) tal-Bundesstraßen-Mautgesetz, inkwantu dawn ir-rekwiżiti jistgħu jiddiskriminaw l-iktar kontra ċittadini ta' Stati Membri oħra [20].

57. Għalhekk, wieħed ma jistax ma jikkonkludix li din id-dispożizzjoni nazzjonali tista' tassew twassal għal diskriminazzjoni indiretta abbażi ta' nazzjonalità fis-sens tal-Artikolu 12 KE.

58. Iżda din il-konklużjoni minnha nfisha mhijiex biżżejjed sabiex wieħed jiddetermina jekk din id-dispożizzjoni tmurx kontra l-Artikolu 12 KE. Dan ma jkunx il-każ li kieku d-dispożizzjoni kellha tiġi ġġustifikata minn ċirkustanzi oġġettivi, jiġifieri, b'mod partikolari, jekk ikun jidher b'mod ċar li l-dispożizzjoni hija bbażata fuq kunsiderazzjonijiet oġġettivi li huma indipendenti min-nazzjonalità tal-persuni kkonċernati, u li huma proporzjonali għall-iskop leġittimu tad-dispożizzjonijiet nazzjonali [21].

59. Hija l-fehma tiegħi li ma jistax jiġi eskluż li, sa fejn leġiżlazzjoni nazzjonali bħal dik inkwistjoni li tipprovdi għall-ħruġ ta' liċenzja tal-karozza mingħajr ħlas tinqeda bir-residenza jew bir-residenza ordinarja bħala kundizzjoni, u fid-dawl tan-natura u l-għan ta' din il-miżura soċjali, tali restrizzjoni tista' tiġi kkunsidrata oġġettivament ġustifikata u proporzjonali. Wieħed għandu hawn iżomm f'moħħu dan li ġej.

60. L-ewwel nett, għandu jiġi mfakkar illi, f'dak li għandu x'jaqsam ma' diversi benefiċċji

19 — F'dan is-sens ara, pereżempju, is-sentenzi tal-10 ta' Frar 1994, Mund & Fester (C-398/92, Ġabra p. I-467, punt 14), u Il-Kummissjoni vs L-Italja, iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 18, punt 13.

20 — F'dan is-sens ara, pereżempju, is-sentenzi tat-23 ta' Jannar 1997, Pastoors u Trans-Cap (C-29/95, Ġabra p. I-285, punt 17); tad-29 ta' April 1999, Ciola (C-224/97, Ġabra p. I-2517, punt 14); u tat-23 ta' Marzu 2004, Collins (C-138/02, Ġabra p. I-2703, punt 65).

21 — F'dan is-sens ara, pereżempju, is-sentenzi Mund & Fester, iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 19, punt 17; Bickel u Franz, iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 16, punt 27; Bidar, iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 8, punt 54; u tal-15 ta' Settembru 2005, Ioannidis (C-258/04, Ġabra p. I-8275, punt 29).

u vantaġġi soċjali, il-Qorti għarfet illi jista' jkun leġittimu illi bejn min jirċievi dan il-benefiċċju jew vantaġġ soċjali u l-Istat Membru li jipprovdih jiġi żgurat li jkun hemm rabta partikolari bħalma hija — skont iċ-ċirkustanzi u t-tip ta' vantaġġ inkwistjoni — rabta ġenwina bejn il-persuna u s-suq tax-xogħol tal-Istat Membru kkonċernat, jew konnessjoni mas-soċjetà tiegħu jew, b'mod partikolari, ċertu grad ta' integrazzjoni fis-soċjetà ta' dak l-Istat Membru [22].

61. It-tieni nett, jidher mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja illi r-residenza tista' tingħadd bħala kriterju li juri li teżisti din il-konnessjoni. Għal darb'oħra, il-kwistjoni dwar jekk konnessjoni bħal din hijiex leċita għall-fini tal-ġurisprudenza imsemmija fil-punt preċedenti, tiddependi fuq, fost fatturi oħra, il-benefiċċju jew vantaġġ inkwistjoni, b'mod partikolari jekk ir-rekwiżit ta' residenza hekk kif applikat b'mod speċifiku, bħal pereżempju rekwiżit li wieħed jirrisjedi għal numru ta' snin fi Stat Membru, jirrispettax id-dritt Komunitarju u, b'mod partikolari, huwiex proporzjonali [23].

62. F'din il-perspettiva, meta wieħed iqis il-ġustifikazzjoni u l-proporzjonalità tar-rekwiżit ta' residenza marbut mal-miżura soċjali inkwistjoni, wieħed għandu jiftakar li din il-miżura tikkonsisti fil-ħruġ ta' liċenzja tal-karozza annwali mingħajr ħlas lil persuni li jbatu minn ċertu grad ta' diżabbiltà, jiġifieri, skont id-dispożizzjoni nazzjonali inkwistjoni, persuni li miċ-ċertifikat għal persuni b'diżabbiltà jirriżulta jew li jkunu jbatu minn diżabbiltà permanenti u serja li żżommhom milli jimxu, jew li ma jistax ikun mistenni li tali persuni jużaw mezzi ta' trasport pubbliku minħabba ħsara permanenti lil saħħithom, jew li huma għomja.

63. Mhuwiex ikkontestat, u dan huwa koerenti man-natura tal-miżura hekk kif deskritta iktar 'il fuq, illi l-miżura hija ntiża sabiex tgħin lil persuni b'diżabbiltà billi taġevola l-mobbiltà u l-integrazzjoni soċjali tagħhom fuq bażi annwali.

64. L-ewwel nett, fil-fehma tiegħi, in-natura tal-miżura stess, li hija intiża biex taġevola l-mobbiltà ta' persuni b'diżabbiltà billi teżentahom, sakemm jiġu sodisfatti ċerti rekwiżiti, milli jħallsu l-pedaġġ talli jużaw toroq b'pedaġġ fit-territorju tal-Istat Membru,

22 — F'dan is-sens ara, pereżempju, is-sentenzi tal-11 ta' Settembru 2007, Hendrix (C-287/05, Ġabra p. I-6909, punt 55); Collins, iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 20, punt 67; Bidar, iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 8, punt 54; Tas-Hagen u Tas, iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 10, punti 34 u 35; u Halina Nerkowska, iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 10, punt 37.

23 — F'dan il-kuntest ara, pereżempju, is-sentenzi Bidar, iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 8, punt 59; Halina Nerkowska, iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 10, punti 39 u 41; u tat-28 ta' Novembru 2008, Förster (C-158/07, Ġabra p. I-8507, punti 50 u 58)..

titlob li l-applikazzjoni tagħha tkun iddeterminata, *inter alia*, b'referenza għal kriterju ta' residenza li jkun kapaċi juri ċerta rabta mat-territorju tal-Istat ikkonċernat u s-soċjetà tiegħu.

65. It-tieni nett, għandu jiġi enfasizzat illi, hekk kif ġie kkjarifikat tul is-seduta, ir-residenza tal-applikant hekk kif nifhmuha s-soltu mhijiex l-unika rabta mal-Istat Membru kkonċernat li twassal għall-ħruġ tal-liċenzja tal-karozza mingħajr ħlas. Skont kif jiġi interpretat il-kunċett ta' residenza ordinarja fid-dritt nazzjonali inkwistjoni, wieħed jista' juri biżżejjed rabta permezz ta' fatturi oħra li juru konnessjoni permanenti jew regolari mat-territorju tal-Istat Membru kkonċernat, bħalma huma xogħol fiss jew xi attivitajiet privati regolari oħra fl-Awstrija.

66. F'dan il-kuntest, ma jirriżultax mir-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 13(2) tal-Bundesstraßen-Mautgesetz li l-ħruġ ta' liċenzja tal-karozza mingħajr ħlas jiddependi mit-tul ta' żmien li matulu jew mill-frekwenza li biha jsir użu mit-toroq b'pedaġġ mill-applikant, u lanqas jidher li, hekk kif osserva A. Gottwald mingħajr ma ġie kontradett fuq dan il-punt, isiru xi kontrolli f'dan ir-rigward fuq min ikun inħariġlu wieħed. Għalhekk, m'iniex konvint mill-argument magħmul mill-Gvern Awstrijak li persuna b'diżabbiltà li hija residenti jew ordinarjament residenti fl-Awstrija u li fil-fatt tuża t-toroq b'pedaġġ okkażjonalment jew għal żmien qasir ikollha fi kwalunkwe każ tixtri l-liċenzja tal-karozza.

67. Iżda, l-ewwel nett, dan ma jfissirx li l-miżura soċjali inkwistjoni, hekk kif innota l-Gvern Awstrijak, mhijiex tassew maħsuba sabiex taġevola l-persuni b'diżabbiltà li jagħmlu użu mit-toroq b'pedaġġ b'mod relattivament regolari.

68. It-tieni nett, jibqa' l-fatt illi, fi kwalunkwe każ, il-miżura tikkonsisti fil-ħruġ ta' liċenzja tal-karozza *annwali* mingħajr ħlas. Jien jidhirli li huwa oġġettivament ġustifikat u, meta wieħed iqis id-diskrezzjoni kbira li għandhom l-Istati Membri f'dak li għandu x'jaqsam ma' benefiċċji soċjali li jaqgħu taħt il-kompetenza tagħhom [24], mhuwiex sproporzjonat li l-ħruġ ta' din il-liċenzja tal-karozza ikun jiddependi

24 — F'dan is-sens ara, pereżempju, is-sentenza Tas-Hagen u Tas, iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 10, punt 36; ara wkoll il-punt 44 iktar 'il fuq.

fuq l-eżistenza ta' ċerta rabta stabbli, li tipprovdi prova tagħha r-residenza ordinarja, bejn min jinħariġlu l-liċenzja tal-karozza u l-Istat Membru fejn jinsabu t-toroq b'pedaġġ [25].

69. Hija għalhekk il-fehma tiegħi li l-ħruġ ta' liċenzja tal-karozza annwali lil persuni b'diżabbiltà mingħajr ħlas bil-kundizzjoni li dawn ikunu residenti jew ordinarjament residenti f'dak l-Istat Membru partikolari, ma jmurx kontra l-projbizzjoni ta' diskriminazzjoni abbażi ta' nazzjonalità skont l-Artikolu 12 KE, mingħajr ma hemm bżonn f'dan il-każ li jiġi kkunsidrat ukoll, fir-rigward ta' persuni li ma jkunux residenti jew ordinarjament residenti f'dak l-Istat Membru, sa liema punt id-diffikultajiet marbutin mal-verifika tal-grad meħtieġ ta' diżabbiltà li jkunu jbatu minnha meta ma jkollhomx ċertifikat għal persuni b'diżabbiltà maħruġ mill-Awstrija jista' jiġġustifika l-fatt li ma jingħatawx dan il-benefiċċju.

70. Fi kwalunkwe każ, f'dak li għandu x'jaqsam maċ-ċirkustanzi partikolari ta' dan il-każ, wieħed għandu fl-aħħar mill-aħħar iżomm f'moħħu illi huma biss dawk li jsibu ruħhom fl-istess sitwazzjoni li għandhom id-dritt jiġu meqjusa l-istess f'għajnejn il-liġi, indipendentement min-nazzjonalità tagħhom [26].

71. Minn din il-perspettiva, għandu jingħad illi persuna b'diżabbiltà, bħalma huwa A. Gottwald, li tivvjaġġa lejn l-Istat Membru kkonċernat għal btala u li għandha biss rabta temporanja ma' dak l-Istat Membru, issib ruħha, f'dak li għandu x'jaqsam mal-għoti ta' benefiċċju soċjali bħall-ħruġ ta' liċenzja tal-karozza annwali b'xejn maħsub sabiex jaġevola l-mobbiltà u l-integrazzjoni soċjali ta' persuni b'diżabbiltà fuq bażi annwali, f'sitwazzjoni li hija oġġettivament differenti minn dik ta' persuna b'diżabbiltà residenti jew, fi kwalunkwe każ, ordinarjament residenti fl-Istat Membru kkonċernat u għal liema l-użu tat-toroq b'pedaġġ għandu sinjifikat differenti ħafna f'dak li għandu x'jaqsam mal-mobbiltà u l-integrazzjoni soċjali tiegħu f'dak l-Istat membru.

72. Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, ir-risposta għad-domanda li saret lill-Qorti tal-Ġustizzja għandha tkun illi l-Artikolu 12 KE, moqri flimkien mal-Artikolu 18 KE, ma għandux jiġi interpretat bħala li jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li għandha l-għan li tippromwovi l-mobbiltà u l-integrazzjoni soċjali ta' persuni b'diżabbiltà fuq bażi annwali, u li tipprovdi għall-ħruġ ta' liċenzja tal-karozza annwali mingħajr ħlas għal vetturi għall-użu fuq toroq b'pedaġġ biss lil dawk il-persuni li jbatu minn diżabbiltà speċifika li jkunu residenti jew ordinarjament residenti fit-territorju nazzjonali, inklużi persuni b'diżabbiltà li għandhom xogħol fiss u/jew attività privata oħra f'dak l-Istat Membru.

25 — Il-ġustifikazzjoni u l-proporzjonalità tal-kundizzjoni ta' residenza jew residenza ordinarja kien ikollhom jitqiesu b'mod differenti kieku kien jinħareġ liċenzja tal-karozza għal żmien qasir taħt l-istess rekwiżiti.

26 — Ara f'dan il-kuntest, is-sentenza tat-8 ta' Lulju 2004, Gaumain-Cerri u Barth (C-502/01 u C-31/02, Ġabra p. I-6483, punti 34 u 35), u l-punt 47 iktar 'il fuq (u l-ġurisprudenza ċċitata fih).

V — Konklużjoni

73. Għalhekk, jiena tal-opinjoni li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha twieġeb għad-domanda magħmula bil-mod kif ġej:

“L-Artikolu 12 KE, moqri flimkien mal-Artikolu 18 KE, ma għandux jiġi interpretat bħala li jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li għandha l-għan li tippromwovi l-mobbiltà u l-integrazzjoni soċjali ta’ persuni b’diżabbiltà fuq bażi annwali, u li tipprovdi għall-ħruġ ta’ liċenzja tal-karozza annwali mingħajr ħlas għal vetturi għall-użu fuq toroq b’pedaġġ biss lil dawk il-persuni li jbatu minn diżabbiltà speċifika li jkunu residenti jew ordinarjament residenti fit-territorju nazzjonali, inklużi persuni b’diżabbiltà li għandhom xogħol fiss u/jew attività privata oħra f’dak l-Istat Membru.”